# SIR ANTHONY MAMO (2)

## 10 snin minn mewtu



ROBERT ALOISIO / robertaloisio@gmail.com




Mamo (fin-nofs) fl-inawgurazzjoni tal-Air Malta fl-1974

Nhar l-1 ta' Mejju 2008, ħalla din id-dinja Sir Anthony Mamo – l-ewwel President ta' Malta Repubblika – fl-età ta' 99 sena. Sir Anthony Mamo kiseb il-fiduċja ta' min xi darba jew oħra kellu l-poter. Serva taħt il-Kuruna Ingliża u erba' Prim Ministri. Ħadem għall-aktar mumenti importanti kostituzzjonali ta' pajjiżna. Minn ħdejn Borg Olivier fix-Xagħra tal-Furjana bħala Prim Imħallef fl-1964, sa ħdejn Mintoff fl-1974 f'Misraħ San Ġorġ. Skont Lino Spiteri huwa kien "il-Malti li l-aktar li ssimbolizza dak li jista' jkun hemm tajjeb fi bniedem".

### PALAZZ DEJJEM MIMLI BIL-MISTEDNIN

Fiż-żmien li Mamo għamel Gvernatur Ġenerali u President, hu u martu riedu jieħdu ħsieb purċissjoni ma tispiċċa qatt ta' viżitaturi fil-Palazz tal-Gvernatur il-Belt, fosthom membri ta' delegazzjonijiet barranin jew uffiċjali li l-Prim Ministru Mintoff kien jibgħatlu biex il-gvern tiegħu jiffranka l-ispiża li joqgħod jalloġġjahom f'lukandi tal-ewwel klassi.

Fis-16 ta' Lulju 1974, Mamo u Mintoff laqgħu lill-Arċisqof Makarios meta dan wasal minn Ċipru, wara li kien tneħħa minn President tal-pajjiż b'kolp ta' stat. Dakinhar Mamo kien wassal lil Makarios, li kien jidher eżawrit, f'karozza żgħira mill-ajruport sal-Palazz tal-Gvernatur. Ftit wara kienet waslet karozza oħra b'qomos, qliezet, kalzetti u ħwejjeġ ta' taħt għall-Arċisqof li kien ħarab minn Ċipru b'ta' fuqu senduqu.

### IR-RELAZZJONI MA' DOM MINTOFF

Fil-mewt ta' Anthony Mamo, il-ġurnal Ingliż **The Telegraph**, fost l-oħrajn, irrapporta kif ir-relazzjonijiet ta' Mamo ma' Mintoff mhux dejjem kienu kordjali. Skont il-ġurnal, bħala Gvernatur Ġenerali Mamo kien jilmenta li spiss kien jiġi injorat mill-Prim Ministru. Jingħad li Mintoff kien iżomm fl-għama lil Mamo rigward il-politika tal-Gvern, u kien jinsisti li Mamo jmur ikellmu u mhux bil-kontra.

Lino Spiteri jgħid li: "Il-ktieb ta' Ninu Mamo bħala President ingħalaq ħafna agħar minn hekk. Lejn l-aħħar, hu u joqrob il-Milied tal-1976, ċempilli l-Bank Ċentrali. B'leħen li nstema' miksur għall-aħħar, staqsieni nistax immur sa ħdejh, il-Palazz ta' San Anton. Tlaqt kollox minn idi. Qatt ma ħlomt li se nsibu fl-istat li sibtu x'ħin dħalt ħdejh. Deher imfarrak. "Kissirni," qalli, "Kissirni" (għal Mintoff)."

"Ħareġ li ma kienx iħossu stmat kif jixraqlu mill-Prim Ministru, jew saħansitra agħar minn hekk. Biex tagħqad lanqas kienu se jħalluh jibqa' l-Palazz ta' San Anton sa ma jgħaddi l-Milied, u kellu jagħmel il-wisa' għas-suċċessur tiegħu minn qabel. Mikdud kif kien, ma kellux moħħ iħejji l-messaġġ tradizzjonali tal-Milied li ħtieġlu jagħmel bħala l-aħħar biċċa xogħol bħala Kap tal-Istat. Qalli li moħħu kien iħossu vojt u ma seta' jikteb xejn. Għedtlu biex għaldaqshekk ma jħabbilx rasu, nabbozzalu diskors jien, bla ħadd ma jkun jaf xejn."

"Hekk għamilt. Meta ħadtlu dak li kont ktibt sibt li, jekk stess ma ġiex f'tiegħu għal kollox, ma baqax imfarrak daqskemm kien meta bagħat għalija. L-abbozz li ħejjejtlu ħadu, imma x'ħin smajt ix-xandira presidenzjali tal-Milied għaraft li l-President Mamo kien kiteb diskors ieħor hu stess, u ftit uża mill-abbozz tiegħi."

"Għal dak il-Milied wasluli d-dar żewġ fliexken xampanja, mingħand Ninu Mamo. Kienu juru ħbiberija. Qalu wkoll verità morra li ma jmissiex tolqot lil min jagħti ħajtu għas-servizz pubbliku, kif għamel dak il-bniedem ġentili li d-dehen tiegħu jibqa' wirt nazzjonali."



Mamo fil-ftuħ tal-Parlament meta rebaħ il-Partit Laburista fl-1996 immexxi minn Alfred Sant

### ŻJARA APPREZZATA

Iżda wara l-mewt ta' Mamo fl-2008, il-Perit Dom Mintoff li kien seba' snin iżgħar minnu, għamel żjara privata lill-qraba ta' Mamo. Dawk qrib ta' Mintoff jgħidu kemm il-Perit minkejja l-manjieri xi drabi goffi tiegħu kellu qalbu tad-deheb. Mintoff miet erba' snin wara, fl-età ta' 96 sena. Il-ġurnal l-ORIZZONT kien irrapporta hekk din iż-żjara:

"Il-Perit Mintoff, li miegħu ħadem mill-qrib Sir Anthony Mamo, mar jagħti l-aħħar tislima lil dan il-ġentlom u l-bniedem li dejjem ġab l-ewwel l-interess nazzjonali. Il-Perit Mintoff, għamel xi ħin jitkellem mal-qraba tiegħu. Ma naqasx li hu jirrakkontalhom xi episodji tal-ħidma tagħhom għall-ġid tal-pajjiż. Fost dawn kien hemm kif Sir Anthony kien iħobb jagħmel l-affarijiet b'mod pulit u Mintoff bi stil differenti."

"Fil-laqgħa ta' madwar nofs siegħa issemmiet ukoll iż-żjara li l-Perit Mintoff kien għamel lil Sir Anthony Mamo meta kien rikoverat fl-isptar. Fi kliem Prof John Mamo stess, il-familja apprezzat ħafna iż-żjara tal-Perit Mintoff."

### ĦABIB TAL-BATUT

Prof John Mamo jgħid li "fejn tidħol il-moralità ma kellux kompromessi. Ma kienx jista' għaliha dik li xi ħadd għax hu żgħir jew fqir jisfa' abbużat, kemm fiżikament, bil-kliem jew metodi oħra. Kien tarka għall-fqar u l-batuti fis-sentenzi tiegħu."

Kien taħt it-tmexxija ta' Lady Mamo – matul il-Presidenza ta' Sir Anthony – li d-dħul kollu tal-August Moon Ball, li kien beda fi żmien il-Gvernatur Sir Robert Laycock, beda jmur kull sena għall-karità u għall-istituzzjonijiet filantropiċi bħal The Malta Polio Fund, The Malta Memorial District Nursing Association u The Malta Playing Fields Association. Fl-1971, twaqqaf *"chest fund for deserving cases"*.

### KBIR U GĦEX UMLI

"Minkejja li kien rett u serju, hu kien umli ħafna. Kulħadd jaf x'diskors kien kapaċi jagħmel u jikteb. Lili qabel kien jagħmel diskors kien jiġi jgħidli ara x'jidhirlek minn dan? Din kienet l-umiltà tiegħu, li kien jistaqsik u jitolbok parir u mhux tiegħu biss tajjeb", jgħid ibnu.

L-Imħallef Toni Abela jgħid li, "Kuntarju għal ħafna li ġew warajh, Sir Anthony ma kienx jimbotta ruħu jew jimponi lilu nnifsu fuqek. Ma kienx pompuż, prużuntuż u aktar xeni milli sustanza. Anzi lil Sir Anthony iltqajt miegħu mingħajr ma qatt iltqajt miegħu, mentri dawk li ta' kuljum kont niltaqa' magħhom, qatt ma ltqajt magħhom. Dawk li għalkemm dejjem qalu li huma professuri, professuri qatt ma kienu."

"Sir Anthony Mamo kellu karriera mimlija unuri," ikompli jgħid Abela, "iżda dejjem mingħajr daqq ta' trombi u ċerimonji żejda. F'dan is-sens Sir Anthony Mamo kellu axxendent morali għoli fuq ħafna li ġew warajh. Ħadem għal pajjiżu u mhux għalih innifsu, b'umiltà u fis-skiet. Il-kobor ma serqux, iżda tagħtulu l-ħajja."






Mamo jieħu b'idejn il-plejers tal-Juventus f'Malta fil-15 ta' Settembru tal-1971

### IL-FAMILJA

Fil-15 ta' Awwissu 1939, Anthony Mamo żżewweġ lil Margaret, magħrufa bħala Maggie, imwielda Agius. Huma kellhom tliet ulied: Josephine, Monica u ż-żgħir John. "Ma' oħti Josephine kien jimxi b'dixxiplina stil Vittorjan. Forsi għax kienet l-ewwel wild, żamm dixxiplina sew magħha. Ma' oħti Monica, is-sitwazzjoni inbidlet u miegħi mexa b'mod aktar differenti. Mat-twelid tiegħi kiteb il-famużi Mamo Notes."

"Miegħi kien jimxi b'mod rilassanti ħafna u kelli rapport ta' ħbiberija kbira miegħu. Kien ħa pjaċir ħafna meta jien għażilt il-kors tal-liġi, il-professjoni tiegħu. Ma kienx jissikkani jew jagħmel pressjoni fuqi biex nistudja. Jien kont varjat, fis-sens li kont inħobb ħafna l-isports u anke niddeverti u hu kien jinkoraġġini ħafna għal dan." Il-Professur John Mamo semma li meta daħal l-Università kien ifittex aktar lil missieru biex jgħinu fl-istudju, u meta missieru rtira kien jgħinu bħala "missier" fix-xogħol tiegħu.

L-avukat Reno Borg, ifaħħar ukoll lill-Professur John Mamo nnifsu li jidher ċar li missieru ħalla impronta kbira fih bħala "ġentlom ieħor li għallimni l-Liġi Kummerjali. Il-lezzjonijiet tiegħu kienu prattiċi u kien jitratta lil kull wieħed minna b'rispett. Dejjem ħassejt li l-għalliema tiegħu, speċjalment dawk li tassew jistħoqqilhom, kienu l-aqwa benefatturi tiegħi".

### L-IMĦABBA LEJN IL-FAMILJA

Bintu Josephine Tortell f'kumment lil kienet tat lill-ORIZZONT dakinhar tal-mewt ta' mewtu qalet li l-aħjar ħaġa li seta' jgħaddilha missierha kienu "l-valuri". Dejjem wera l-imħabba lejn tal-familja, sostniet Josephine, u avolja dejjem kien impenjat ħafna, għalih il-familja dejjem ġiet l-ewwel. "Anke jekk miet fl-età ta' 99 sena, għalina xorta telfa kbira," kienet stqarret Josephine.

Għal Pauline Gatt, il-ħajjata personali ta' Sir Anthony, ftit kien hawn irġiel bħalu. "Għalija jfisser ħafna. Kien dejjem jgħin lill-proxxmu. Kien jgħin ukoll ħafna lill-mara tiegħu li kienet taħdem fil-karità. Il-familja kienet tfisser ħafna għalih. B'familja mhux biss il-mara u t-tfal imma wkoll ħutu, in-neputijiet u l-bqija. Anke jekk kellu pożizzjonijiet għolja ta' awtorità qatt ma nesa lil ħutu. Bniedem li ma kien imkabbar xejn għall-pożizzjoni li kellu."

Meta kibru, il-koppja Mamo kienu marru jgħixu f'Casa Arkati fil-Mosta u f'dan iż-żmien Sir Anthony spiċċa jdur b'martu li kienet mardet.

Kien jispikka fih il-mod kif ma kienx iħalliha weħidha. Għamel sitt snin f'din il-ħajja sakemm Maggie mietet fl-2002.

### MAL-INGLIŻI U MAL-FURJANA

Dwar il-passatempi tiegħu, Prof John Mamo qal li "passatempi ftit li xejn kellu. Hu kien medhi ħafna b'xogħlu, li kien jagħmlu bl-aktar serjetà u reqqa. Kien dejjem jirriċerka." Fil-fatt kien jaqra ħafna u kien iżomm ruħu aġġornat bil-letteratura li kienet toħroġ. Iżda l-iżjed li kien iħobb kienu l-klassiċi li studja l-Università u li kien kapaċi jikkwota siltiet sħaħ minnhom bl-amment.

"Biss il-pjaċir tiegħu d-dar kien meta jiġu sħabi fi tmiem il-ġimgħa u konna noqogħdu naraw il-futbol," jgħid ibnu. "Dak iż-żmien, bħal-lum, kien hemm il-pika bejn it-Taljani u l-Ingliżi. Missieri kien magħruf li jżomm mal-Ingliżi. Kien jintefa' ħdejna jsegwi l-logħbiet, avolja f'dak il-ħin kien ikun qed jipprepara l-appelli għat-Tnejn."

"Fejn jidħol il-futbol lokali kien iżomm mal-Furjana u jien kont immur miegħu l-*istadium* tal-Gżira insegwu l-Furjana. Kien jinkedd xi ftit u jien aktar minnu meta l-Furjana jitilfu mas-Sliema."

### IL-FESTA TA' SANTA LIENA

Diversi anzjani Karkariżi jiftakru kemm Sir Anthony kien iħobb il-festa b'mod partikolari it-tranżlazzjoni tar-relikwja ta' Sant'Elena ta' lejlet il-festa. Ħafna jiftakru l-post partikolari fejn kien ipoġġi fil-Knisja, mhux f'xi post prominenti, imma fil-ġenb man-nies.

Prof John Mamo jgħid, "Kont emozzjonat filgħodu x'ħin missieri daħal għall-aħħar darba fil-Bażilika ta' Santa Liena. Il-festa ta' Santa Liena konna ngawduha flimkien. Konna ilna snin kbar nagħmlu hekk. Ġieli kont barra minn Malta, f'pajjiżi 'l bogħod bħall-Korea u kelli niġi għax tkun waslet il-festa ta' Santa Liena. Ma kienx jitlifha u kien jgħidli "ġimgħa oħra l-festa."

"Kien iħobb ħafna l-funzjonijiet tal-knisja b'mod partikolari l-mużika li tindaqq. Kien ipoġġi man-nies fil-ġenb tal-Bażilika u jsegwi minn hemm. L-aħħar li morna, avolja saħħtu ta' età kbira, ried li jqum u jpoġġi bilqiegħda kif jagħmlu l-bqija tan-nies. Dak inhar tal-festa, konna mmorru għall-purċissjoni filgħodu u hemmhekk konna niltaqgħu ma' ħafna ħbieb antiki tiegħu."

### FUNERAL STATALI

Meta f'Jannar 2008, huwa għalaq 99 sena, kien l-ixjeħ eks kap ta' Stat fid-dinja. Huwa miet f'Casa Arkati, il-Mosta. Il-funeral statali ta' Sir Anthony Mamo sar il-Ġimgħa 2 ta' Mejju 2008, l-għada ta' mewtu. Il-kadavru ta' Mamo kien espost għall-pubbliku fil-bitħa tal-Palazz il-Belt għal tliet sigħat.

Wara, it-tebut imgeżwer fil-bandiera Maltija, tqiegħed fuq kanun tal-Forzi Armati u nġarr fost atmosfera solenni lejn il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fejn saret il-quddiesa konċelebrata mill-Arċisqof Pawlu Cremona li fl-omelija tiegħu qal li f'Sir Anthony Mamo "kien hemm il-preżenza t'Alla". Preżenti kien hemm l-ogħla dinjitarji tal-pajjiż, politiċi, membri tal-ġudikatura, avukati u nies komuni li taw l-aħħar tislima tagħhom lil Sir Anthony.

### AWTORITÀ MORALI

Sir Anthony se jissokta jgawdi l-ammirazzjoni ta' kulħadd għall-korrettezza u r-rettitudni tiegħu. Ir-rispett ma kienx iġibu minn xi poter politiku partiġġjan iżda minn awtorità morali persważiva. Ma telax fl-ogħla karigi għax kien ġej minn familja influwenti u lanqas għax xi ħadd ried jagħmillu xi favur jew jippremjah bla ma kien ħaqqu. Laħaq il-quċċata biss bil-ħiliet tiegħu u bil-kwalitajiet straordinarji tiegħu.

Kif kiteb Lino Spiteri: "Monument ta' għerf u rġulija, Ninu Mamo jibqa' dejjem tfakkira ta' għajnuna u eżempju għal Malta. F'kollox."



Il-Prof. John Mamo mal-President Coleiro Preca